MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 782/2002

**Joseph u Maria Dolores konjuġi Camilleri**

**-vs-**

**Mark u Margaret konjuġi Gauci, Noel u Lydia konjuġi Gauci u Mario u Josephine konjuġi Gauci**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fid-9 ta' Lulju 2002 li permezz tiegħu l-atturi Joseph u Maria konjuġi Camilleri ppremettew:

Illi fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed (2001), ġewwa Burmarrad, il-konvenuti rġiel, jew min minnhom, assistit mill-konvenuti konjuġi fil-kawża odjerna għal kull interess li jista' jkollhom fl-eżitu tal-kawża, aggredew vjolentement lill-attur Joseph Camilleri; kif assistit minn martu attriċi fil-kawża odjerna;

Illi l-konvenuti rġiel, xjentement, volontarjament, u b'mod doluż ikkaġunaw lill-attur raġel, feriti ta' natura gravi u permanenti, bl-aġir illegali tagħhom, b'mod li sofra, qiegħed isofri, u għad irid isofri, id-danni;

Illi għalhekk li l-konvenuti rġiel, jew min minnhom huma responsabbli unikament għall-inċident surriferit, kif ukoll għad-danni fuq imsemmija kif sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-aġir fuq imsemmi li wassal għall-inċident in kwistjoni;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni, iżda baqgħu inadempjenti;

Jgħidu għalhekk l-konvenuti, għaliex għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti m'għandhiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment responsabbli tal-inċident fuq imsemmi, u ċjoe' li fit-2 ta' Lulju tas-sena 2001, meta ġewwa Burmarrad, aggredew lill-attur u xjentement, volontarjament, u dolożament ikkaġunawlu ferita ta' natura permanenti fuq il-persuna tiegħu;

2. Tiddikjarahom għalhekk, solidalment bejniethom responsabbli għad-danni kollha, kemm dawk ta' *lucrum cessans* u kif ukoll ta' *damnum emergens*, sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' dana l-inċident;

3. Tillikwida d-danni, kemm dawk ta' *lucrum cessans* u kif ukoll ta' *damnum emergens*, sofferti mill-atturi, b'konsegwenza ta' dana l-inċident, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata kif fuq ingħad, bl-imgħaxijiet legali mill-preżentatanta sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Noel u Lydia konjuġi Gauci, ppreżentata fl-1 ta' Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-esponenti mhumiex responsabbli għall-inċident in kwistjoni billi kien l-istess attur l-aggressur u l-esponenti l-aggrediti;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Noel u Lydia konjuġi Gauci u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Mario u Josephine konjuġi Gauci, ppreżentata fl-1 ta' Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-esponenti mhumiex responsabbli għall-inċident in kwistjoni billi kien l-istess attur l-aggressur u l-persuna li qala' l-inċident in kwistjoni;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti konjuġi Mario u Josephine konjuġi Gauci u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' Mark u Margaret konjuġi Gauci, ppreżentata fl-1 ta' Ottubru 2002, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhuwiex responsabbli għall-inċident in kwistjoni peress inqala' proprju mill-istess attur Joseph Camilleri li aggredixxa lill-esponenti, vjolentement u permezz ta'

għodda li ntuża bħala armi tant li l-istess esponenti sofra feriti u anke sofra danni fil-vettura tiegħu meta l-istess attur saq għal fuqha;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Mark u Margaret konjuġi Gauci u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat ir-rapport tal-espert mediku nominat appożitament;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2011 li permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-atti msemmija, l-attur qed jitlob ħlas ta' danni mingħand il-konvenuti peress li qed jallega li dawn aggredewh u weġġgħuh serjament fil-jum imsemmi. Il-konvenuti qed jiċħdu dan u jsostnu li kien l-attur illi aggredihom u huma ddefendew ruħhom.

Illi skond **l-attur** (fol 22) huwa kellu xi kwistjonijiet mal-konvenuti dwar passaġġ mill-għelieqi li jaħdem. Fil-għodu kien kellem lil missierhom dwar dan u qallu biex ma jkomplux jgħaddu minn hemm. Fil-għaxija waqt li kien qed jitkellem ma' terz jismu bħalu ħdejn daru, wasal il-konvenut Mark Gauci bil-karozza tiegħu u fetaħ il-bieba tal-karozza tal-attur (li kien għadu fiha) u beda jsawtu. L-istess Gauci lwielu jdejh. Gie wkoll il-konvenut Noel Gauci li għen lil ħuh biex ikakxkruh mit-trakk għal ġot-triq. Skond l-attur, ftit wara wasal Mario Gauci li qalilhom *"mela għadu ħaj?"* u kompla jagħtih bis-sieq. **Mart l-attur** ikkonfermat dak li qal żewġha permezz tal-affidavit a fol 83. Ġie esebit rapport li sar għand il-Pulizija. (fol 91) ikkonfermat mis-**Supetendent Pisani**.

Il-konvenut **Mark Gauci** (fol 195) jgħid illi wara li l-attur kien kellem lil missieru fil-għodu, fil-għaxija waqt li kien għaddej lejn id-dar bil-karozza ra lill-istess attur ikellem terz u x'ħin spiċċa jkellmu resaq lejh biex ikellmu. F'daqqa waħda l-attur beda jgħolli leħnu u qabad *shifting wrench* u beda jxejjer bih minn ġot-trakk lejh. Għalhekk hu kien kostrett jiddefendi ruħu u tah daqqa ta' ħarta. L-attur saq fuq il-vettura tiegħu u wara illi pparkja ħareġ għalih b'imqass kbir li bih jiżbor is-siġar. Laqtu f'ġenbu u mbagħad waddabulu iżda ma laqtux. Hawn l-attur intefa' fuqu u beda jagħtih u kien ħuh Noel (li fil-frattemp laħaq wasal fuq il-post) li qalgħu minn fuqu. Mart l-attur ċemplet lill-Pulizija u ma' dawn wasal ukoll Mario Gauci li jiġi z-ziju tal-konvenuti l-oħra. Dan x'ħin rahom feruti mar fuq l-attur u tah daqqa ġo ħalqu. **Il-konvenuti l-oħra** kkonfermaw dak li qal Mark Gauci fejn jirrigwardja lilhom.

Illi jirriżulta li din hija kawża fejn l-attur qed jitlob id-danni *ex delicto ai termini* tal-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li *kull wieħed irid iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*. Huwa evidenti ukoll li l-eżitu ta' din il-kawża jiddependi fuq il-kredibilta' tal-partijiet peress li ż-żewġ naħat taw verżjonijiet tista' tgħid dijametrikament opposti.

Illi l-Qorti tosserva li persuna li setgħet tat dawl fuq dak li effettivament ġara kien Joseph Camilleri li kien qed jitkellem mal-attur x'ħin wasal il-konvenut Mark Gauci. Dan pero' ma xehedx għalkemm l-attur diversi drabi pprova jinġunġih billi kull darba rriżultat riferta negattiva biex finalment spiċċa ma tela' qatt. Madankollu l-Qorti tħoss li tista' tasal għal ċertu konklużjonijiet.

Illi l-ewwelnett Mark Gauci ma kellux għalfejn jieqaf quddiem dar l-attur biex ikellmu ladarba fi kliem l-istess konvenuti, l-attur huwa magħruf bħala bniedem li jkollu xi jgħid ma' kulħadd. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ bilfors li Gauci mar fuqu biex jieħu sodisfazzjon u mhux biex jiddiskuti paċifikament miegħu. Meta missieru qallu bl-inkontru ta' fil-għodu ma kellux jaffrontah iżda jkellem Avukat jew il-Pulizija biex jimxi skond il-liġi. Hawn wieħed għandu jgħid li l-konvenuti huma ferm iżgħar fiż-żmien mill-attur u kwindi fi skontru fiżiku ma kienx ikun hemm kontestazzjoni

anke għaliex huma jidhru persuni f'saħħithom u fl-aħjar tagħhom; dan mhux ghax l-attur, *nonostante* li kellu tlieta u ħamsin (53) sena kien nieqes mis-saħħa għaliex huwa bniedem tar-raba' u kwindi imdorri juża s-saħħa. Biss żgur li l-konvenuti, speċjalment l-aħwa flimkien żgur kienu jissuperawh.

Illi fil-fehma tal-Qorti dak li ġara kien li meta l-attur ġie ffaċċjat mill-konvenut Mark Gauci, ħareġ l-ewwel ħaġa li ġiet f'idu, u ċjoe' r-*wrench* imsemmi u huwa veru li beda jxejru. F'dak il-ħin wasal Noel Gauci u dan flimkien ma' ħuh, ċertament fir-rabja kbira li kellhom bdew isawtu lill-attur. Għalhekk, żbalja Mark Gauci meta waqaf jaffronta lill-attur; żbalja l-attur li ħareġ arma (dak il-ħin hekk serviet); u żbaljaw il-konvenuti aħwa Gauci illi eċċedew żgur f'dik li hija *self defence* u weġġgħu bla bżonn lill-attur. It-tnejn flimkien setgħu waqqfuh mingħajr is-swat li segwa għalkemm wieħed jifhem li fis-saħna anke l-iktar nies kalmi l-kalma jitilfuha.

Illi għalhekk filwaqt li l-konfront bdieh Mark Gauci, l-attur kabbru bl-użu tal-għodda, u Noel Gauci ħa vendetta fuq l-attur. Il-konvenut Mario Gauci kellu biss parti marġinali fl-akkadut u d-daqqa li ta' lill-attur ma kkaġunatx ħsara. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li għandha tapplika l-Artikolu 1051 illi jakkorda lill-Qorti diskrezzjoni fl-apporzjonament tal-ħtija jekk id-danneġġjat ikun ikkontribwixxa għal dak li ġara, u se tagħmel dan billi tiddikjara lill-konvenuti aħwa Gauci responsabbli għal nofs il-ħsara li sofra l-attur.

Illi kwantu għad-danni l-attur qed jitlob *damnum emergens* għall-ammont ta' Lm206.68 (€481.43) (fol 63) li ma ġewx kontestati. Għalkemm qal li nefaq aktar flus fir-rigward, ma ressaqx provi dokumentarji a sostenn tat-talbiet tiegħu. Kwantu għal *lucrum cessans* jidher mir-*returns* tal-*income tax* għas-sena preċedenti għall-inċident, u ċjoe' s-sena 2001 li kien qed jaqla' ċirka Lm5,500 (€12,811.55) u għalhekk il-Qorti se tibbaża l-komputazzjoni tad-danni fuq din is-somma għal perjodu ta' tmien snin (bħala *multiplier*) peress li l-attur kellu 53 sena meta ġara l-inċident peress li dak kien il-massimu tal-ħajja lavorattiva tiegħu. Huwa minnu li hu baqa' jaħdem fir-raba' kif

jindikaw ir-ritratti li esebew il-konvenuti iżda ladarba sofra diżabilita' ta' għaxra fil-mija (10%) skond l-espert mediku, dan ma jfissirx li m'għandux jiġi kumpensat għal dik id-diżabilita'.

Illi kwindi għaxra fil-mija ta' Lm5,500 (€12,811.55c) għal tmien snin iwasslu għas-somma ta' Lm4,400 (€10,249.24). Dwar it-talba tal-attur għal aktar danni għaliex kien fi ħsiebu jiftaħ negozju huwa evidenti li l-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba bbażata sempliċiment fuq ħsibijiet kimeriċi tal-attur. Anke li kieku dan kien il-każ, id-diżabilita' li sofra ma kienitx timpedih milli jagħmel dan.

Illi għalhekk l-attur sofra danni komplessivi ta' Lm4,606.28 (€10,729.75), u kwindi l-konvenuti aħwa Gauci tenuti jħallsu (nofs l-ammont) u ċjoe' Lm2,303.14 – ekwivalenti għas-somma ta' ħamest elef, tliet mija u erbgħa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€5,364.87) fil-munita kurrenti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' Mario Gauci u tiċħad it-talba attriċi fil-konfront tiegħu, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra aħwa Mark u Noel Gauci ħlief illi l-attur ikkontribwixxa bin-nofs għall-ħsara li sofra, u tikkundannahom biex iħallsu lill-attur is-somma ta' ħamest elef, tliet mija u erbgħa u sittin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€5,364.87).**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti kollha.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------